KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 31**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar l-Erbgħa 10 ta' Novembru, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**31.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

31.01.01 Cynthia Tommasuolo – Kunsillier / Jurgen Carl Grixti – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**31.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

31.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 30 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**31.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

31.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill hemm skema PI.SCI.7.2021.Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern. Huwa issuġerixxa lil-kunsill biex issir applikazjoni għal manutenzjoni ta' pavimentar fi' triq il-Kbira ma' triq Nazzjonali hdejn il-progett ta' l-pont. Il-Kunsill irikonoxxa li hemm bżonn issir manutenzjoni biex l-istess proġett ikun iktar sostenibli u qabel unanimament li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.

31.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li applikajna biex issir il-faċċatta ta' l-propjeta (Ħanut) fi'Triq il-Kbira, min l-iskema ta' restawr ta' faċċati ta' l-gvern.

31.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li r-restawr fuq il-monument ta' Anton Butiġieġ lest u fadal id-dawl biss.

31.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-kunsill għamel użu mis-servizzi ta' t-tabib u ikonferma li kollox kien ok.

31.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li fl-20 ta' Ottubru waqt il-laqgħa għal anzjani biex jiġu informati bis-servizzi offruti mil-gvern, kien hawn ammont tajjeb.

31.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-applikazzjoni għad devoluzzjoni ta' x-xelter irridu nitolbu permess min dawk ir-residenti li għandhom parti minnu taħt ir-residenza tagħhom.

31.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa lil Kunsill li l-Kameras għal triq il-kbira min' l-iskema ta' l-LESA jsiru fuq żewġ fażijiet fuq EPPS. Kunsill qabel unanimament.

31.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li tlesta ir-restawr ta' kitba antika fi' Triq il-ferrovija lesti.

31.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-proġett ta' l-Metro jinkludi waqfa fi' pjazza San Pawl. Huwa issuġerixxa li niproponu li din issir flok il-fetħa ta' l-fabrika ta' l-ħalib. Kunsill qabel unanimament.

31.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** propona lil Kunsill li issir renovar ta' s-sala ta' isfel ta' l-kunsill. Kunsill qabel unanimament.



14

31.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li inħareġ ktieb dwar pitturi fil-Ħamrun għal €70, huwa issuġerixxa li jinxtraw 5 koppji. Huwa qal ukoll li inħareg ktieb dwar il-pitturi fil-knejjes ta' l-Ħamrun min Heritage Malta għal €35 u issuġerixxa li jinxtraw 5 ukoll. Kunsil lqabel unanimament.

31.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ġejna avviċinati biex nieħdu sehem fi' progett dwar iż-żagħżaħ fil-Portugal. Kunsill qabel li niparteċipaw.

31.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-kuntratt biex noffru servizz ta' tiswija b'xejn fuq kompjuters ma' kumpanija partikolari, wasal fi' tmiemu. Huwa saqsa jekk hemmx oġezzjoni li dan jiġeded. Kunsil lqabel unanimament li jiġeded.

31.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li minħabba żieda fil-ħaddiema, il-kunsill għandu bżonn van ieħor. Huwa qal li l-ispiża hi ta' madwar €5000. Kunsill qabel unanimament.

31.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm skema għal aċċesibilta aħjar. Huwa issuġerixxa li napplikaw biex ikollna smart traffic lights. Kunsil lqabel li nsibu xi stimi u naraw il-possibiltajiet kollha.

31.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li Green Park ideċidew li jwaqfu is-servizz ta' ġbir ta' kartun ta' l-ħwienet. Huwa qal li l-kunsill ħa l-inizjativa li jinforma lil ħwienet. Huwa qal li jekk irridu nagħtu is-serviz bħala kunsill, dan jiswa €17,000. Kunsill qabel li nistenew u naraw.

## 31.04 Amministrazjoni Kunsill

31.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-ħaddiema ġodda min l-iskema ta' CIESW bdew. Wieħed fl-uffiċċju u ieħor qed jagħmel xogħol ta' landscaping.

31.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-istaff klerikali ma' aċċetawx il-warning waqt laqgħa li saret magħhom. Kunsill qabel unanimement li warnings jibqgħu validi.

31.04.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li impjegata mil-uffiċju issotmetiet ir-riżenja. Kunsill qabel li taħdem sa' 2 ta' Diċembru, 2021 u tinħareġ sejħa għal Councill Assistant.

## 31.05 Milied fil-Ħamrun

31.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li nitolbu €50 donazzjoni mil-ħwienet minħabba it-tiżjin. Huwa issuġerixxa wkoll li jingħataw €50 sponsor fuq il-paġna ta' Facebook "Shopping in Hamrun". Kunsil lqabel unanimament.

31.05.02 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li issir il-muzika bil-PA System fi' triq il-Kbira. Kunsill qabel unanimament.

31.05.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li fl-attivita Christmas Under the Bridge, l-għaqdiet ta' l-Ħamrun ha jkollom xi' stands. Huwa qal li ha jkun hemm parata bi-karrijiet u ġurnata minnhom ħa jiġu il-Ħamrun.

31.05.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hem persuna jixtieq jagħmel Vilaġġ ta' l-Milied fil-Pjazza. Kunsill qabel unanimament li jsir.

**31.06 Proġetti fil-Ħamrun**

31.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li beda ix-xogħol ta' tisbiħ ta' triq qrejten.

31.06.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-proġett ta' Pjazza 7 ta' Ġunju beda.

Huwa qal ukoll li dawn talbuna biex issir laqħa magħhom biex naraw min ħa jiehu ħsiebu kif jitlesta il-proġett.

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** issuġerixxa li ma' niħdlux fiħ, huwa qal li minħabba li għafġuwa huma, ikomplu jaraw huma.

**Is-Sindku Christian Sammut** qal li jekk mhux sa' nattendu il-laqgħa, mhux ħa nkunu nafu x'inhu jiġri. Huwa qal li l-proġett xorta sa' jsir. Huwa issuġerixxa li nitolbuwom li joħorġu spejjeż huma filwaqt li jtuna persuna biex tieħu ħsiebu.

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** reġa tenna li ma' jaqbilx li niħdlu fiħ filwaqt li l-kumplament ta' l-kunsill qabel ma' l-proposta ta' s-sindku.

31.06.03 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li Infrastrucutre Malta sa' jibdew ix-xogħol fi' Triq Qormi u Triq Cordina Perez wara l-festi.

**30.07 Tenders**

31.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-tender ta' l-karozza elletrika ħiereġ fil-ġranet li ġejjien.

31.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li għal ġnien fuq il-Liċeo daqt jagħlaq u qed issir il-ħidma fuq it-tender għat-tieni fażi.

31.07.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li tender ta' skart wasal biex jagħlaq u issuġerixxa li jinħatar bord ta' evalwazzjoni kompost min' Daniel Bugeja, karen Camilleri, Christian Sammut, Efrem Buttigieg u Adrian Mifsud. Kunsill qabel unanimament

**31.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

31.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2021.

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** issekonda il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**31.09 Ħwejjeġ Oħra**

31.09.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** talab informazzjoni dwar il-proġett ta' l-LEGA. Huwa ġie informat li qed jaħdmu fuq proposta ma' l-avukat tagħhom.

31.09.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** ġibed l-attenzjoni lil kunsill li persuna telgħat rittartt fuq Facebook dwar xi xogħol li sar mil-kunsill wara xi' ilment li għamlet. Huwa qal li kien hemm xi tgergir taħt l-istess rittrat.

31.09.03 **Il-Kunsillier Carmen Borg** saqsiet dwar i-restawr ta' t-torri. Hija ġiet informata li qed nistenew min l-awtorita ta' l-artijiet.

31.09.04 **Il-Kunsillier Carmen Borg** issuġerixit li jitpogew xi fjuri biex jiġu mfakra il-Vittmi Hamrunizi ta' żmien il-gwerra. Il-Kunsill qabel unanimament.

**31.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

31.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 15 ta'Dicembru, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 15 ta' Dicembru, 2021

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv